MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta tas-27 ta' Frar, 2014

Appell Kriminali Numru. 17/2013

**Appell Numru: 17/2013**

Il-Pulizija

(Supt. Neville Xuereb)

vs

**Publio Zammit**

iben Paul, imwieled Pieta', fil-25 ta' Frar, 1968, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 114468(M)

**u**

**Jose' Xerry**

iben Carmelo, imwieled Spanja, fl-10 ta' Dicembru, 1966, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 201185(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellati Publio Zammit u Jose' Xerry quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) talli:

(1) bejn Novembru u Diċembru, 1991, f'dawn il-gżejjer, Publio Zammit b'mezzi kontra l-liġi, jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloż, jew billi

nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qliegħ li jeċċedi Lm1000 għad-dannu ta' diversi nies;

(2) fl-istess data, lok u ħin, Jose' Xerry, b'xi mod li jkun, xjentement għen jew assista lill-awtur tad-delitt, fl-atti li bihom id-delitt kien ġie ppreparat jew ikkunsmat;

(3) fl-1 ta' Diċembru, 1991, it-tnjen li huma, għenu persuni li niżlu l-art jew li mbarkaw f'Malta, billi naqsu li jagħtu lill-Uffiċjal Prinċiplai ta' l-Immigrazzjoni, l-informazzjoni preskritta u dik l-informazzjoni l-oħra kif l-Uffiċjal Prinċipali ta' l-Immigrazzjoni jidhirlu xieraq li jeħtieġ;

(4) fl-1 ta' Diċembru 1991, Publio Zammit bħala l-kaptan tal-lanċa numru S-931, naqas li jidher quddiem l-uffiċjal inkarigat mid-dwana u iwieġeb għal dawk il-mistoqsijiet kollha li dan l-uffiċjal jagħmillu dwar il-bastiment, it-tagħbija u il-vjaġġ, u naqas milli jagħti lil dan l-uffiċjal il-manifest tat-tagħbija ta' dan il-bastiment skont Formula numru 8 ta' l-Ordinanza tad-Dwana, jew formula oħra bħala, u li dan il-manifest kellu jkun fih il-partikolaritajiet kollha miġjuba f'dik il-formula, sa fejn huwa seta' jkun jafhom, u naqas ukoll li jiffirma din id-dikjarazzjoni fl-aħħar tal-formula quddiem dan l-uffiċjal;

(5) fl-istess data, lok u ħin Jose' Xerry għen lil Publio Zammit li bħala kaptan tal-lanċa numru S-931, naqas milli jidher quddiem l-uffiċjal inkarigat mid-dwana biex iwieġeb għal dawk il-mistoqsijiet kollha li dan l-uffiċjal jagħmillu dwar il-bastiment, it-tagħbija u il-vjaġġ, u għen ukoll lil Publio Zammit milli jagħti lil dan l-uffiċjal il-manifest tat-tagħbija ta' dan il-bastiment skont Formula numru 8 tal-Ordinanza tad-Dwana, jew formula oħra bħala, u li dan il-manifest kellu jkun fih il-partikolaritajiet kollha miġjuba f'dik il-formula, sa fejn huwa seta' jkun jafhom, u għen ukoll lil Publio Zammit biex ma jiffirmax din id-dikjarazzjoni fl-aħħar tal-formula quddiem dan l-uffiċjal;

(6) fl-istess data, u ħin, Publio Zammit bħala l-kaptan tal-lanċa numru S-931 ġarr passiġieri fuq l-istess lanċa mingħajr liċenzja tal-Kummissarju tal-Pulizija;

(7) fl-istess data, Publio Zammit bħala l-Kaptan tal-lanċa numru. S-931, naqas li jagħti lista tal-passiġieri kollha mbarkati f'Malta lid-Direttur tal-Portijiet u naqas ukoll li jagħti dak it-tagħrif l-ieħor dwar il-bastiment, passiġieri, annimali jew merkanzija tiegħu kif jista' jkun preskritt u meta d-Direttur tal-Portijiet jidhirlu xieraq, dawk il-ħwejjeġ l-oħra bħal dawn kif id-Direttur tal-Portijiet jista jeħtieġ;

(8) fl-istess data Jose' Xerry għen lil Publio Zammit milli jonqos li jagħti lid-Direttur tal-Portijiet, lista tal-passiġieri kollha mbarkati f'Malta u għen ukoll lil Publio Zammit milli jagħti dak it-tagħrif l-ieħor dwar il-bastiment, passiġieri, annimali jew merkanzija tiegħu kif jista' jkun preskritt u meta d-Direttur tal-Portijiet jidhirlu xieraq, dawk il-ħwejjeġ l-oħra bħal dawn kif id-Direttur tal-Portijiet jista joħroġ;

(9) matul ix-xahar ta' Novembru, 1991, it-tnejn li huma, li ma kienux negozjanti awtorizzati, kellhom fil-pussess ta' jew il-kontroll fuq flus barranin f'Malta, naqsu li joffru dawk il-flus barranin, jew urew li jiġu offruti għall-bejgħ lil negozjant awtorizzat, kemm il-darba l-Ministru ma tagħx il-kunsens sabiex iżżommuhom u jużawhom jew jiddisponu minnhom favur xi persuna oħra bil-permess tal-Ministru;

(10) talli matul dawn l-aħħar ġranet, Jose' Xerry saq van bin-numru tar-registrazzjoni R-9657 meta l-vettura ma kienitx liċenzjata biex tintuża fit-triq;

(11) talli matul dawn l-aħħar xhur, Jose' Xerry naqas li jagħti nformazzjoni bil-miktub lill-Kummissarju tal-Pulizija fi żmien seba' tijiem dwar it-trasferiment tal-vettura bin-numru tar-registrazzjoni R-9657;

(12) talli Publio Zammit u Jose' Xerry huma reċidivi billi ġew ikkundannati għal reati b'sentenza li saret definittiva.

Rat il-verbal tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tad-9 ta' Jannar, 2013 li wara iktar minn għoxrin sena mill-bidu tal-każ in kwistjoni, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali ddikjarat il-każ kontra Publio Zammit u Jose' Xerry preskritt u dan in vista tal-fatt li l-akkużati kienu ilhom ma jidhru l-Qorti.

Rat ir-rikors tal-appellant Avukat Generali minnu pprezentat fid-29 ta' Jannar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghogobha tħassar u tirrevoka s-sentenża appellata billi tiddikjara n-nullita' tas-sentenża konsiderando l-ksur tal-artikolu 382 tal-Liġijiet ta' Malta fl-interita' tagħha u/jew tħassar u tirrevoka s-sentenża appellata fejn l-azzjoni kontra l-imputati ġiet iddikjarata preskritta u ergo ġiet estinta minn l-ewwel Qorti minħabba preskrizzjoni tal-proċedura de quo u minflok, tgħaddi biex tiddeċiedi u tiddisponi mill-appell skont il-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-motivazzjoni ta' l-ewwel Qorti għad-dikjarazzjoni tal-estinzjoni tal-proċedura kontra l-appellati hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u dan indipendentement mit-trapass taż-żmien f'din il-kawża li konsiderando ċ-ċirkostanzi kollha, mihjiex waħda aċċettabbli għall-prosegwiment seren tas-sistema ġudizzjarja tagħna.

Illi filwaqt li l-esponent jaqbel li d-dewmien ta' din il-kawża kienet inaċċettabbli, l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' titqajjem biss jekk effettivament it-termini ndikati fl-artikolu 688 tal-Kodiċi Kriminali fir-rigward tar-reat in kwistjoni, ikunu skadew sal-preżentata tal-azzjoni li tkun. Alternattivament, din l-iskadenza tista tirriżulta wkoll jekk il-Qorti tiddiferixxi l-każ *sine die* fejn it-terminu jibda jiddekorri mill-ġdid u jekk l-uffiċjal prosekutur jonqos milli jitlob ir-riappuntament tal-każ in kwistjoni *entro termine*. Din ma kinitx iċ-ċirkostanza li rriżultat f'dan il-każ. Dan qed jinghad ukoll salv għad-disposizzjonijiet oħra li jinstabu taħt it-titolu legali tal-Preskrizzjoni fil-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi preliminarjament, għal kull buon fini u mingħajr preġudizzju għal dak sottomess s'issa, jinghad illi l-ebda akkuża kif miġjuba kienet milquta mill-preskrizzjoni u dan peress li mal-preżentata taċ-ċitazzjoni fl-10 ta' Diċembru 1991, it-termini relattivi għall-akkużi miġjuba kienu għadhom qed jiddekorru u b'hekk ġew debitament interroti skont il-liġi. Konsiderando li l-inqas terminu għall-preskrizzjoni skond il-liġi hija ta' tlett xhur skond l-artikolu 688 u dawn l-inċidenti kif indikati seħħew bejn Novembru u Diċembru tal-istess sena elf disa mija wieħed u desgħin u il-proċedura in kwistjoni ttieħdet fl-10 ta' Diċembru, 1991 u ċioe' ftit jiem biss wara, ma hemm l-ebda dubbju li l-ebda waħda minn dawn l-akkużi setgħu raġonevolment ġew milquta

mill-preskrizzjoni. Għaldaqstant legalment l-ebda waħda mill-akkużi ma setgħet tiġi preskritta kemm fuq talba tad-difiża kif ukoll *ex officio*.

Illi l-ewwel Qorti applikat *ex officio* l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni għaliex fi kliemha stess '*peress li l-akkużati ilhom ma jidhru għal perijodu twil ta' snin, il-Qorti tiddikjara dan il-każ preskritt'*. Fid-dawl tal-argument hawn fuq espost dan mhuwiex aċċettabbli kemm bħala argument legali kif ukoll bħala l-istruttura tas-sentenża mogħtija li b'kull rispett ma jikkonsisti mill-ebda waħda mil-formalitajiet skont l-artikolu 382 tal-Kodiċi Kriminali li jinqara kif ġej:

*Il-Qorti, meta tagħti s-sentenza kontra l-imputat, għandha tgħid il-fatti li tagħhom dan ikun ġie misjub ħati, tagħti l-piena u ssemmi l-artikolu ta' dan il-Kodiċi jew ta' kull liġi oħra li tkun tikkontempla r-reat.*

Dan fih innifsu jista anki jwassal għan-nullita tas-sentenża u dan peress li l-formalitajiet ta' din id-disposizzjoni f'ebda mod ma ġew osservati.
Illi finalment u mingħajr preġudizzju għas-sueċċipit jinghad b'kull rispett lejn l-ewwel Qorti li filwaqt li huwa minnu li dan il-każ dam ferm iktar milli kellu jdum jinghad illi l-miżura li ttieħdet mill-Qorti biex taqta' u tiddeċiedi l-każ u twaqqaf id-dewmien inopportun tal-istess proċedura kienet skoretta legalment u anki fil-prattika. Dan qed jinghad peress li apparti l-fatt li l-kawża ma kinitx preskritta, l-provi tal-prosekuzzjoni kif ukoll tad-difiża kienu magħluqa skond il-verbali tal-Qorti u fil-fatt id-differimenti li kienu qedgħin jingħataw kienu ai fini ta' sentenza finali tal-istess Qorti. Kwindi sabiex din il-proċedura ma tittawwalx għal kważi għoxrin sena oħra kif fil-fatt seħħ, l-ewwel Qorti, in vista tan-nuqqas ta' dehra tal-akkużat setgħet titlob il-ħruġ ta' mandat ta' arrest kontrihom sabiex tassikura l-preżenza tagħhom biex Hi tkun f'posizzjoni korretta legalment biex tagħti s-sentenża tagħha allavolja mill-atti u mill-verbali magħmula jidher li dan ma kienx l-ostaklu ewlieni għal dak li rriżulta. Di piu' d-deċizjoni (jew verbal) appellata tal-ewwel Qorti ndubjament ippreġudikat il-posizzjoni tal-prosekuzzjoni tenut kont tal-fatt li allavojla l-akkużati ma dehrux diversi drabi (u fejn lanqas ma jirriżultaw xi mandati ta' arrest fil-konfront tagħhom għal dan il-fini) bis-saħħa tad-dikjarazzjoni tal-estinzjoni tal-proċeduri, il-kawża kontrihom sfaxxat fix-xejn u hekk ukoll ix-xogħol siewi kollu tal-prosekuzzjoni li wara kollox dejjem għamlu x-xogħol tagħhom b'ħeffa f'dan il-każ.

Rat ir-risposta tal-appellat Publio Zammit ezebita fir-registru ta' din il-Qorti fl-1 ta' Novembru, 2013 u cioe':

IIli l-esponenti gie akkuzat flimkien ma' Jose' Xerry b'numru ta' reati konnessi mat-trasport ta' persuni bil-bahar b'mod illegali. Fid-9 ta' Jannar 2013 dan il-kaz gie deciz billi l-akkuzati gew liberati a bazi ta' preskrizzjoni. L-Avukat Generali qed jappella minn tali decizjoni b'zewg aggravji: l-ewwel aggravju jkun fis-sens li ebda akkuza ma kienet milquta bil-preskrizzjoni, u t-tieni aggravju jkun fis-sens li d-decizjoni hija nulla in kwantu mhix motivata kif jirrikjedi l-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali.

1. Illi preliminarjament jigi sollevat li dan l-appell sar *fuori termine.*

Illi l-Avukat Generali jghid li wara li l-kaz gie deciz fid-9 ta' Jannar, 2013, fil-15ta' Jannar, 2013 il-Kummissarju tal-Pulizija dahhal nota, allegatament entro t-termine, li biha huwa wera l-intenzjoni li jappella, u l-atti tal-kaz waslu ghand l-Avukat Generali dakinhar stess tal-15 ta' Jannar 2013. Pero ' l-appell innifsu imbaghad dahal fid-29 ta' Jannar 2013, u cioe' wara t-tmint ijiem tax-xoghol bhala zmien moghti mill-artikolu 417 tal-Kodici Krirninali sabiex ikun jista' jiddahhal l-appell minn decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta. Ghaldaqstant, fuq din il-bazi biss, dan l-appell ghandu jigi rigettat bhala tardiv.

2. Illi dwar l-ewwel aggravju li l-ebda wiehed mir-reati kontemplati fl-akkuza ma kien preskritt, l-Avukat Generali ghogbu jhares lejn l-artikoli 687 u 688 kif inhuma llum, mentri dawn id-dispozizzjonijiet tal-ligi iridu jinqraw u jigu applikati skont l-izvilupp storiku taghhom. Sas-sena 2002 l-artikolu 687 kien jghid biss li "Id-decizjonijiet li bihom tinghata kundanna ma jaqghux bil-preskrizzjoni f'ebda zmien," u ma kien hemm ebda subartikolu iehor. Fl-2002, precizament bl'Att numru III tal-2002, dik id-dispozizzjoni saret is-subartikolu (1) tal-artikolu 687, mentri gie mizjud subartikolu gdid numru (2) li beda jghid li malli suspettat jigi notifikat bl-akkuzi, iz-zmien tal-preskrizzjoni jigi sospiz. Pero' dan ma kienx l-istess qabel l-2002, anzi minn seduta ghall-ohra dejjem kienet terga' tibda tiddekorri l-preskrizzjoni. Fil-waqt li l-esponent jifhem li l-ligi kif kienet dak iz-zmien setghet holqot pressjoni zejda fuq il-prosekuzzjoni meta l- akkuzat ma jinstabx, bil-ligi kif inhi llum il-prosekuzzjoni

nghatat *mano libera* ghal wara li tinnotifika l-ewwel darba, u b'hekk il-prosekuzzjoni tista' taghmel hamsin sena ma taghmel ebda sforz biex tinnotifika lill-akkuzat, u il-preskizzjoni ma tghaddi qatt. Fil-waqt li l-esponent ihoss li l-ligi llum tista' taghti lok ghall-ingustizzja mod iehor, fejn l-akkuzat jista' jigi pregudikat bl-inefficjenza ta' ufficjal prosekutur, il-kwistjoni hawn hija kemmxejn differenti. Qed jigi sottomess li fl-ewwel lok sa ma nbidlet il-ligi fl-2002 l-akkuzi kollha kontra l-esponent kienu diga' lahqu marru preskritti, u fit-tieni lok anke ghal dak li hu z-zmien ta' wara, il-ligi applikabbli kienet l-artikou 687 kif kien qabel, ghaliex il-proceduri fil-Qorti bdew qabel ghaddiet il-ligi li bidlet dan l-artikolu. Ghalhekk il-kaz jibqa' verament preskritt kollu kemm hu.

3. Illi t-tielet aggravju tal-Avukat Generali jsostni li d-decizjoni tad-9 ta' Jannar 2013 tigi dikjarata nulla in kwatu din "b'kull rispett ma jikkonsisti mill-ebda wahda mill-formalitajiet skont l-artikolu 382 tal-Kodici Krirninali ... ".

Il-ligi hawn invokata tghid li meta l-Qorti taghti sentenza kontra l-imputat, hija ghandha ssemmi kemm il-fatti li taghhom ikun instab hati l-akkuzat, kemm il-piena li tkun ser tikkundanah biha, kif ukoll l-artikoli tal-ligi li tkun applikat. Jigifieri hija haga mill-aktar cara li dan l-artikolu 382 huwa applikabbli biss meta l-akkuzat jinstab hati. L-esponenti ma jistax jifhem kif nistghu napplikaw dan l-artikolu ghall-kaz odjern meta allura la hemm fatti li taghhom l-imputat instab hati, la hemm piena applikabbli u l-anqas hemmm xi artikolu tal-ligi li gie vjolat. Li wiehed jargumenta aktar fuq din is-sottomissjoni ikun qed jahli hin prezzjuz tal-Qorti. Ghalhekk id-decizjoni mhi nulla xejn.

Illi ghaldaqstant is-sentenza appellata fl-ismijiet premessi hija valida, gusta u timmerita konferma, b'dan li l-appell tal-Avukat Generali ghandu jigi michud fit-totalita tieghu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat

Illi din il-kawza kontra l-appellati kellha l-bidu taghha fl-10 ta' Dicembru, 1991 dwar reati li allegatament saru fix-xhur ta' Novembru u Dicembru tas-sena 1991. Il-Prosekuzzjoni bdiet tressaq il-provi taghha fit-18 ta' Dicembru, 1991 u fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 1992 iddikjarat li kienet ghalqet il-provi taghha.

Illi d-difiza ghalqet il-provi taghha fit-3 ta' Frar, 1995 meta l-ewwel Qorti ddiferiet il-kawza ghas-sentenza ghall-gurnata tas-27 ta' Marzu, 1995.

Illi l-ewwel Qorti b'verbal tad-9 ta' Jannar, 2013 qalet li fl-ewwel lok ma deher hadd. Fit-tieni lok irrilevat li l-akkuzati ilhom ma jidhru ghall-perjodu twil ta' snin u fit-tielet lok iddikjarat il-kaz preskritt.

Illi bejn is-27 ta' Marzu, 1995 u id-9 ta' Jannar, 2013 l-unika darba li dehru l-appellati kienet ghas-seduta tal-10 ta' Novembru, 2000. Madankollu, f'dan iz-zmien kollu, il-Prosekuzzjoni qatt ma nnotifikathom jew ma talbet li l-imputati jingibu l-Qorti b'mandat, wisq anqas l-ewwel Qorti ma ordnat li l-appellati jigu notifikati jew ordnat il-hrug ta' mandat ta' akkompanjament jew ta' arrest.

Illi dan ifisser li bejn l-10 ta' Novembru, 2000 u it-22 ta' Ottubru, 2013, data meta gie notifikat l-appellata Publius Zammit, l-appellati qatt ma gew notifikati li kellhom jidhru ghall-kawza taghhom. (L-appellat Jose' Xerry kien gie notifikat fit-18 ta' Ottubru, 2013).

Illi l-ewwel aggravju tal-Avukat Generali jirrigwarda l-fatt li l-ewwel Qorti ma enuncjat is-sentenza fil-forma rikjesta mill-ligi. Dan il-punt hu ovvju u ma hemmx ghalfejn wiehed jiddilunga fuqu. Is-sentenza hi semplici verbal u zgur dan mhux il-mod ta' kif tinghata sentenza. L-artikolu 382 tal-Kodici Kriminali jistipula l-kontenut minimu ta' sentenza. Il-fatti, l-artikoli tal-ligi u il-piena. F'dan il-kaz ma hawnx lok

ta' piena izda l-ewwel Qorti mill-inqas kellha tghid il-fatti x'inhuma u ir-raguni ghaliex applikat l-istitut tal-preskrizzjoni f'dan il-kaz.

Illi wiehed mill-aggravji ta' l-appellanti hu li dan l-appell sar 'fuori termine'. Dan ghaliex l-Avukat Generali rcieva l-atti fil-15 ta' Jannar, 2013 u dahhal l-appell fid-29 ta' Jannar, 2014. Dan ifisser aktar minn tmien tijiem kif stipulat fil-Kodici kriminali. Minn analizi tal-atti ta' dan il-process jirrizulta mit-timbru tal-officcju tal-Avukat Generali (a fol. 365 tal-process), li fil-fatt l-Avukat Generali rcieva l-atti fit-18 ta' Jannar, 2013. Ghalhekk, meta l-appell gie prezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-29 ta' Jannar, 2013, kien fit-termini legali. Ghalhekk, tali aggravju ma jistax jigi milqugh.

Illi l-aggravju ewlieni tal-appellati jirrigwarda l-preskrizzjoni. Hawnhekk, l-appellati jikkontendu li ghandu jigi applikat l-artikolu 687 tal-Kodici Kriminali qabel ma gie emendat fis-sena 2002 bl-Att numru III. Bl-emendi tas-sena 2002 dan l-artikolu gie redatt f'manjiera hafna aktar restrittiva. Izda hu car li l-artikolu originali ghandu jigi applikat f'dan il-kaz. F'dan il-kaz, ghandu jigi applikat l-artikolu 688(d) li jindika perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin. Kif inghad hawn fuq hemm zewg perijodi fejn l-appellati ma gewx notifikati. L-ewwel perjodu jibda mis-27 ta' Marzu, 1995 u jispicca fl-10 ta' Novembru, 2000. It-tieni perjodu jibda jiddekorri mit-12 ta' Dicembru, 2000 u jispicca fid-9 ta' Jannar, 2013. Jidher car li dan il-kaz gie preskritt fil-wiesa.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet thassar u tirrevoka s-sentenza tal-ewwel Qorti tad-9 ta' Jannar, 2013 (dejjem jekk tista' ssejhiela sentenza). Tiddikjara li l-azzjoni kriminali waqghet minhabba li ghadda t-terminu preskrittiv skont il-ligi u ghalhekk tillibera lill-appellati minn kull htija u piena.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------